



2019/2169(INI)

23.7.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri
(2019/2169(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eugenia Rodríguez Palop

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 2, 3, 6, 9 u 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030 tan-NU u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-għanijiet 1, 5, 8 u 10 u l-miri u l-indikaturi rispettivi tagħhom,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs tal-1951 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u l-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju tal-2019 tal-ILO,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tishiġ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza¹,
- wara li kkunsidra l-Impenn Strateġiku tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2016-2019,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għall-2017-2019 (COM(2017)0678),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-2019 tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-UE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol² u d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE³,
- wara li kkunsidra l-Gender Equality Index tal-Istitut Ewropew-Ugwaljanza bejn Sessi (EIGE), b'mod partikolari r-rapport tal-2019,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2019 bit-titlu "Innaqqsu d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar it-tema "Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem",
- wara li kkunsidra r-rizzoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-faqar: perspettiva

¹ ĠU L 69, 8.3.2014, p. 112.

² ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

³ ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

tas-sessi⁴,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁵,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-hteġa ta' strateġija tal-UE biex titwaqqaf u tiġi evitata d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel⁶,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar it-tishiġ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa fis-setturi privati u pubbliċi fl-UE⁷,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi bħala xprun biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjieg⁸,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri⁹,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titlu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025" (COM(2020)0152),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha¹⁰,
- A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji komuni u fundamentali tagħha, minquxa fl-Artikoli 2 u 3 (3) tat-TUE, l-Artikoli 8 u 19 tat-TFUE u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jirriflettu l-impenn tal-UE għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki u l-attivitatiet kollha tagħha; billi l-Artikolu 157 tat-TFUE jiddikjara espressament li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi applikat il-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali;
- B. billi, madwar l-UE, in-nisa jirċievu qligħ li huwa sproporzjonatament aktar baxx minn dak tal-irġiel; billi, skont l-aħħar ċifri tal-Kummissjoni, id-differenza bejn il-ġeneri fl-UE fir-rigward tal-paga fis-siegħa hija ta' 15.7 %¹¹, għalkemm din tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; billi d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tiżdied għal 40 %¹² meta jitqiesu r-rati tal-impjieg u l-parteċipazzjoni globali fis-suq tax-xogħol; billi filwaqt li 8 %¹³ biss tal-irġiel fl-UE jaħdmu part-time, kważi terz tan-nisa madwar

⁴ ĠU C 76, 28.2.2018, p. 93.

⁵ ĠU C 242, 10.7.2018, p. 24.

⁶ ĠU C 331, 18.9.2018, p. 60.

⁷ ĠU C 346, 27.9.2018, p. 6.

⁸ ĠU C 356, 4.10.2018, p. 89.

⁹ Testi adottati, P9_TA(2020)0025.

¹⁰ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.

¹¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Unjoni ta' Ugwaljanza: L-istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025.

¹² Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

¹³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

l-UE (31 %) ¹⁴ jagħmlu dan minħabba diversi raġunijiet, inklużi stereotipi, fatturi strutturali u aspettattivi soċjali; billi t-trasparenza fil-pagi jista' jkollha rwol kruċjali biex jiġi żgurat progress sostanzjali fl-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u tista' tgħin biex jiġu żvelati s-sottovalutazzjoni sistematika u l-apprezzament u r-remunerazzjoni insuffiċjenti tax-xogħol tan-nisa fiċ-ċentru tal-inugwaljanzi persistenti fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel; billi n-negozjar kollettiv jista' jnaqqas id-differenzi inġusti fil-pagi u jippromwovi t-trasparenza tal-pagi, kif ukoll jindirizza pagi baxxi b'mod ġenerali;

- C. billi approċċ intersezzjonali huwa kruċjali biex nifhmu l-forom multipli ta' diskriminazzjoni li jaggravaw id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għal nisa b'kombinazzjoni ta' identitajiet u l-intersezzjoni tal-ġeneru ma' fatturi soċjali oħra bħad-diżabilità; billi aktar minn nofs in-nisa fl-età tax-xogħol u li għandhom diżabilità huma ekonomikament inattivi; billi fl-Istati Membri kollha r-rata ta' privazzjoni materjali estrema tan-nisa b'diżabilità hija oġġla minn dik tan-nisa mingħajr diżabilità;
- D. billi, minkejja li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol żdiedet, hemm diskrepanzi persistenti bejn il-ġeneri li jistgħu jpoġġu lin-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew prekarji; billi d-disparità bejn il-ġeneri fl-impjieg fl-UE hija ta' 11.6 % ¹⁵; billi n-nisa huma sottorappreżentati f'setturi u f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'pagi għoljin, u jaħdmu b'mod aktar frekwenti f'impjieg li huma kkwalifikati żżejjed għal, b'1 minn 5 ħaddiema nisa fl-UE li jagħmlu parti mill-grupp l-aktar baxx ta' pagi, meta mqabbla ma' 1 minn kull 10 raġel; billi r-ramifikazzjonijiet tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa jinkludu diskrepanza ta' 37 % ¹⁶ fid-dħul mill-pensjonijiet bejn is-sessi, sitwazzjoni li se tkompli għal ħafna deċennji oħra u livell mhux ugwali ta' indipendenza ekonomika bejn in-nisa u l-irġiel; billi sforzi ambizzjużi huma meħtieġa biex jingħelbu dawn id-diskrepanzi kollha bejn il-ġeneri;
- E. billi hemm reazzjoni negattiva viżibbli f'xi Stati Membri, inkluż fl-oqsma ta' tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, u hemm riskju li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tista' taqa' aktar lura fl-aġenda tal-Istati Membri;
- F. billi l-kriżi tas-COVID-19 taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa fl-isfera soċjoekonomika u se tirriżulta f'inugwaljanzi aktar profondi u f'diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol, meta wieħed iqis li n-nisa jirċievu pagi aktar baxxi u għandhom inqas tfaddil u pensjonijiet aktar baxxi, isofru rati oġġla ta' forom atipiċi u prekarji ta' xogħol u faqar, m'għandhomx aċċess ugwali għall-protezzjoni soċjali, qegħdin f'riskju akbar li jitkeċċew jew li jkollhom jaħdmu sigħat iqsar b'riżultat tal-kriżi, u jiffaċċjaw piżijiet miżjudi u speċifiċi f'sitwazzjonijiet ta' lockdown, bħal xogħol mill-bogħod f'kundizzjonijiet stressanti, każijiet ta' xogħol żejjed u qsim mhux ekwu ta' xogħol domestiku u ta' kura mhux imħallsa; billi l-maġġoranza tal-ħaddiema tal-ewwel

Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Unjoni ta' Ugwaljanza: L-istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025.

¹⁴ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Unjoni ta' Ugwaljanza: L-istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025.

¹⁵ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Unjoni ta' Ugwaljanza: L-istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025.

¹⁶ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

linja huma nisa, li f'ċerti setturi ta' spiss huma mħallsa b'mod inġust u sottovalutati;

- G. billi n-nisa qed imexxu l-provvista tal-kura u tal-appoġġ biex jiproteġu lis-soċjetà fil-kriżi attwali tal-COVID-19, u fl-istess ħin, huma aktar esposti għar-riskju ta' kontaminazzjoni minħabba r-rappreżentanza żejda tagħhom fi professjonijiet essenzjali u aktar esposti¹⁷, bħall-infermiera u professjonisti oħra tas-saħħa, il-ħaddiema fl-ispiżeriji, il-kaxxiera tas-supermarkets, il-ħaddiema tal-kura tal-anzjani u dawk li jnaddfu, u dan huwa riżultat tas-segregazzjoni tal-ġeneri fis-suq tax-xogħol;
- H. billi t-tiżiż tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u l-aċċess ugwali tagħhom għal riżorsi finanzjarji huma essenzjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali; billi l-fatt li n-nisa ma jitħallsux b'mod ugwali jillimita l-kapaċità tagħhom li jiksbu indipendenza ekonomika u, b'konsegwenza ta' dan, l-indipendenza personali; billi r-rata ta' faqar fost in-nisa li jaħdmu tista' tonqos minn 8,0 % għal 3,8 %, li kieku n-nisa kellhom jitħallsu l-istess bħall-irġiel¹⁸; billi mill-5,6 miljun tifel u tifla li jgħixu fil-faqar illum, 2,5 miljun jistgħu joħorġu mill-faqar jekk tiġi eliminata d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; billi d-differenza bejn il-ġeneri fil-qligħ gross ta' kull xahar fost l-impjegati li għandhom bejn il-15 u l-24 sena (7 %) kienet aktar minn ħames darbiet aktar baxxa minn dik fost l-impjegati li għandhom 65 sena jew aktar (differenza bejn il-ġeneri ta' 38 %) u dan juri li llum hemm penali ċari f'dak li għandu x'jaqsam mal-maternità, b'differenza fil-pagi bejn in-nisa bi tfal dipendenti u mingħajr, kif ukoll bejn l-ommijiet u l-missirijiet; billi r-riskju tal-faqar jiżdied bis-saħħa tul il-kors tal-ħajja, u dan jiġbed l-attenzjoni għall-impatt akkumulat tal-inugwaljanzi fil-pagi u l-faqar fost dawk li għandhom 75 sena jew aktar, u huwa kkonċentrat b'mod konsistenti fost in-nisa, prinċipalment minħabba l-impatt ta' responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa bbażati fuq il-ġeneru, il-ħinijiet imnaqqsa tan-nisa fix-xogħol u/jew qligħ aktar baxx matul il-karrieri tagħhom u dan jirriżulta f'pensjonijiet aktar baxxi; billi l-faqar huwa kkonċentrat l-aktar fil-familji fejn in-nisa jkunu l-unika persuna b'paga, b'35 % tal-ommijiet waħedhom fl-UE huma f'riskju ta' faqar, meta mqabbla ma' 28 % tal-missirijiet waħedhom fl-2017¹⁹;
- I. billi l-Istrateġija ta' Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025 u t-tiżiż tal-politiki sensittivi għall-ġeneru fil-livell tal-UE huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 ma jżidx l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u li r-rispons jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa;
- J. billi, skont in-NU, il-fastidju psikoloġiku jew sesswali fuq il-post tax-xogħol jew il-fastidju b'konsegwenzi importanti fuq l-aspirazzjonijiet personali u professjonali huwa esperjenzat minn kważi 35 % tan-nisa mad-dinja kollha u huwa ta' ħsara għall-awtostima tan-nisa u l-pożizzjoni tan-negożjar tagħhom għal remunerazzjoni aktar ġusta; billi remunerazzjoni ġusta u indipendenza ekonomika huma rekwiżit essenzjali biex in-nisa jkunu jistgħu jitolqu minn relazzjoni abbużiva u vjolenti;
- K. billi mara waħda minn kull tlieta fl-UE esperjenzat vjolenza fiżika u/jew sesswali mill-

¹⁷ Skont il-Eurostat, 78 % tal-ħaddiema kollha fil-kura tas-saħħa, inkluż 4.1 miljun persuna li joffru kura personali b'paga baxxa u esposti ħafna, huma nisa: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200409-2>

¹⁸ skont l-Istitut għar-Riċerka dwar il-Politika tan-Nisa.

¹⁹ Kalkolu tal-EIGE, EU-SILC (Statistika tal-UE dwar l-introjt u l-kondizzjonijiet tal-għajxien).

età ta' 15-il sena;

1. Jieħu nota tal-bażi għall-intervent tal-UE kif deskritt fil-pjan direzzjonali tal-KE dwar l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri; jissottolinja l-importanza ta' Strateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li tappoġġja, tikkoordina u tikkomplementa azzjonijiet favur l-ugwaljanza mill-Istati Membri;
2. Ifakkar li d-dinja tax-xogħol għadha mhux ugwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' dħul, prospettivi tal-karrieri, setturi bi prevalenza femminili, aċċess għall-protezzjoni soċjali, u l-edukazzjoni u t-taħriġ; ifakkar li dawn id-dimensjonijiet kollha għandhom jiġu indirizzati biex tinkiseb ugwaljanza bejn il-ġeneri;
3. Jilqa' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-qafas eżistenti dwar paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, it-tneđija ta' proċess ta' konsultazzjoni dwar kif tista' titjieb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-dinja tax-xogħol, ir-Rapport li jmiss dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet, u l-kunsiderazzjoni tal-provvediment ta' krediti tal-pensjoni għal pawżi fil-karriera relatati mal-kura fi skemi ta' pensjoni okkupazzjonali;
4. Huwa mħasseb dwar il-mobilità soċjali limitata li xxekkel il-mobilità tax-xogħol fost in-nisa; jenfasizza l-hteġa li jitjiebu l-opportunitajiet għall-mobilità tax-xogħol fi ħdan l-UE;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fis-sena li jmiss, tippreżenta rieżami tad-Direttiva 2006/54/KE f'konformità mal-evalwazzjoni reċenti tal-funzjonament u l-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-UE dwar il-pagi ugwali u skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; iqis li tali rieżami għandu jinkludi definizzjoni ta' "xogħol ta' valur ugwali" fis-setturi kollha tax-xogħol, li tinkorpora l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll referenza għal forom multipli ta' diskriminazzjoni u miżuri addizzjonali biex tiġi żgurata l-infurzabilità tad-direttiva;
6. Ifakkar li l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali iħaddan il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, inkluż dik ibbażata fuq is-sess;
7. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; jitlob ir-reviżjoni immedjata tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa u li jsir wieħed ġdid u ambizzjuż sa tmiem l-2020, li għandu jistabbilixxi miri ċari biex l-Istati Membri jnaqqsu d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa matul il-ħames snin li ġejjin u jiżguraw li tali miri jitqiesu fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; jenfasizza, b'mod partikolari, il-hteġa li tiġi inkluża perspettiva intersezzjonali fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżviluppaw politiki ġodda biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u biex jittejjbu u jkomplu jiġu żviluppanti l-istatistika, ir-riċerka u l-analiżi sabiex jitkejjel u jiġi mmonitorjat aħjar il-progress biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil gruppi li jesperjenzaw forom ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lill-fatturi li jwasslu għad-diskrepanza fil-pensjonijiet u tappoġġja lill-Istati Membri fil-miżuri tagħhom biex din titnaqqas billi jiġi stabbilit indikatur tad-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel biex jiġu vvalutati l-inugwaljanzi akkumulati li jesperjenzaw in-nisa matul hājithom kollha;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw is-segregazzjoni orizzontali u vertikali u prattiki diskriminatorji fid-deċiżjonijiet li jikkonċernaw ir-reklutaġġ u l-promozzjoni, inklużi politiki li jippromwovu l-integrazzjoni tan-nisa minn gruppi marġinalizzati fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-hteġa ta' investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u ta' reklutaġġ u ta' għażla sensittivi għall-ġeneru fost is-setturi privati u pubbliċi, u b'mod partikolari f'setturi orjentati lejn il-ġejjieni, bħal STEM u s-settur diġitali, fejn in-nisa mhumiex irrappreżentati biżżejjed; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru hija ta' ħsara mhux biss għall-individwu iżda wkoll għas-soċjetà kollha kemm hi;
9. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli²⁰ leġiżlazzjoni dwar it-trasparenza fil-pagi bejn il-ġeneri, u mhux iktar tard minn tmiem l-2020; barra minn hekk itenni l-urġenza tagħha fil-kriżi attwali, li se taggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tintroduċi miżuri konkreti li japplikaw kemm għas-setturi pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, b'kont debitu meħud tal-ispeċifità jiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, abbażi tar-rakkomandazzjoni tagħha tal-2014, bħal: (a) id-definizzjoni ċara ta' kriterji għall-valutazzjoni tal-valur tax-xogħol, (b) sistemi ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni tax-xogħol newtrali fir-rigward tal-ġeneri, (c) awditi tal-pagi u rapporti li jiggarrantixxu paga ugwali, (d) dritt tal-ħaddiema li jitolbu informazzjoni sħiħa dwar il-pagi u dritt ta' rimedju, u (e) miri ċari għall-prestazzjoni ta' ugwaljanza tal-kumpaniji; jitlob barra minn hekk li jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u għall-introduzzjoni ta' drittijiet proċedurali aktar b'saħħithom biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fil-paga; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali u tan-negożjar kollettiv fil-livelli kollha (nazzjonali, settorjali, lokali u korporattiv) fil-leġiżlazzjoni dwar it-trasparenza fil-pagi li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi miżuri ta' infurzar b'saħħithom għal dawk li qed jonqsu milli jikkonformaw;
10. Jirrimarka li n-nisa professjonisti għadhom sottorappreżentati f'karigi maniġerjali; ifakkar li skont id-data ppubblikata mill-Eurostat fl-2019, 28 % biss tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpaniji elenkati fl-UE, kif ukoll 18 % tal-maniġment superjuri, kienu nisa, u li fl-ikbar kumpaniji fl-UE, 8 % biss tas-CEOs kienu nisa; jistieden lill-Istati Membri jiżblukkaw id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet u jadottaw malajr il-pożizzjoni ambizzjuża tal-Kunsill sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ konsiderevoli bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi fl-ogħla livell; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżgura li l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu ta' eżempju u jiżguraw li mill-inqas 50 % ta' dawk f'pożizzjonijiet maniġerjali għolja jkunu nisa; jistieden ukoll lill-Istati Membri jistabbilixxu rapportar trasparenti mill-kumpaniji f'dak li għandu x'jaqsam mal-perċentwal ta' nisa fil-pożizzjonijiet maniġerjali għolja tagħhom u wkoll bi provvista ta' informazzjoni dwar il-livelli tal-pagi; jiddispjaċih li d-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni għadha mblukkata fil-Kunsill, u jistieden lill-Kummissjoni tippromponi leġiżlazzjoni ġdida kontra d-diskriminazzjoni;
11. ifakkar li n-nuqqas ta' rappreżentanza femminili fil-ħajja pubblika u politika jfixxkel lill-istituzzjonijiet u lill-proċessi demokratiċi milli jiffunzjonaw sew; jitlob għalhekk lill-Istati Membri biex iħeġġu u jappoġġaw il-miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw il-

²⁰ Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

parteċipazzjoni bilanċjata tal-ġeneri fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiġġieldu kontra l-fenomeni ta' saqaf tal-ħġieġ, bħal leave tal-ġenituri estensiv, aċċess għal indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli, u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta marbuta mal-promozzjonijiet fis-suq tax-xogħol;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw parteċipazzjoni u opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol għall-irġiel u n-nisa u jindirizzaw il-femminizzazzjoni tal-faqar fil-forom kollha tagħha, inkluż il-faqar tal-anzjani, b'mod partikolari billi jqisu l-ġeneru fl-aċċess għal intitolamenti tal-pensjoni adegwati sabiex jeliminaw id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, u billi jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'setturi bi prevalenza femminili bħall-ospitalità, it-turiżmu, is-servizzi tat-tindif u s-settur tal-kura; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġu indirizzati s-sottovalutazzjoni kulturali tal-impjiegi ddominati min-nisa, il-ħtieġa li jiġu miġġielda tali stereotipi u r-rappreżentanza għolja tan-nisa f'forom atipiċi ta' xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw trattament ugwali għan-nisa migranti (anke permezz ta' revizzjoni tas-sistema ta' rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali), kif ukoll għal gruppi ta' nisa oħra partikolarment vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kopertura tan-negożjar kollettiv fil-livell settorjali u l-involvement tas-sħab soċjali fit-fassil tal-politika, sabiex jiġi mrawwem impjieg stabbli u ta' kwalità; jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġiji li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-inizjattivi intraprenditorjali tan-nisa;
14. Jinnota li l-ekonomija tal-gigs li qed tikber għandha implikazzjonijiet għall-ħaddiema, li huma inqas imsieħba fil-junjins u li jinsabu f'riskju li jtilfu xogħlhom minħabba fatturi bħal sığhat ta' xogħol u dħul instabbli, nuqqas ta' kopertura tad-drittijiet tal-impjieg inċertezza dwar is-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet, jew nuqqas ta' aċċess għall-iżvilupp tal-karriera u għat-taħriġ mill-ġdid; huwa mħasseb li l-insigurtà u l-prekarjetà assoċjata, li huma aggravati mill-konfinament impost mill-kriżi attwali, għandhom impatt partikolarment negattiv fuq in-nisa li għadhom qed iġorru l-piż tal-kura f'suq tax-xogħol ibbażat ħafna fuq il-ġeneru, speċjalment dawk li qed jesperjenzaw forum intersezzjonali ta' diskriminazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw miżuri ta' protezzjoni soċjali mmirati għan-nisa freelancers u n-nisa impjegati fl-ekonomija tal-gigs, jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom²¹;
15. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jippreżentaw politiki u riformi tas-suq tax-xogħol ibbażati fuq l-evidenza u mfassla tajjeb li de facto jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa u jżidu l-impjiegi ta' kwalità;
16. Jissottolinja li opportunitajiet indaqs u parteċipazzjoni oġhla fis-suq tax-xogħol fost in-nisa jistgħu jsaħħu l-impjieg, il-prosperità ekonomika u l-kompetittività fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu għanijiet biex inaqqsu l-impjieg prekarju u x-xogħol part-time involontarju sabiex titjeb is-sitwazzjoni tan-nisa

²¹ ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.

fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li x-xogħol full-time għandu jkun in-norma;

17. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż regolatorju għall-kumpaniji u jnaqqsu l-livelli għoljin ta' taxxi fuq ix-xogħol sabiex jiġu stimolati l-ħolqien tax-xogħol u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq Ftehim ta' Kura għall-Ewropa, billi tiegħu approçè komprehensiv lejn il-ħtiġijiet u s-servizzi kollha tal-kura u tistabbilixxi standards minimi u linji gwida ta' kwalità għall-kura matul iċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż għat-tfal, għall-persuni anzjani u l-persuni bi bżonnijiet fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data diżaggregata dwar il-provvista ta' servizzi ta' kura; jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni Nru 189 tal-ILO dwar il-ħaddiema domestiċi u jimplimentaw bis-sħiħ u jmorru lil hinn mill-miri tal-kura ta' Barcellona, filwaqt li jiżguraw il-kopertura ta' dawk il-ħtiġijiet permezz ta' servizzi universali tal-kura pubblika ta' kwalità, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli, u jimmodernizzawhom sabiex in-nisa ma jkollhomx jagħżlu bejn il-familja u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw malajr u b'mod sħiħ id-Direttiva dwar il-Bilanç bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata²² u jistedinhom imorru lil hinn mill-istandards minimi tad-direttiva billi jintroduċu miżuri bħal-liv imħallas b'mod sħiħ, il-promozzjoni tar-rwol ugwali tal-irġiel bħala persuni li jindukraw, u b'hekk jiġu indirizzati l-isterjotipi tal-ġeneri fit-teħid ta' liv tal-paternità/tal-maternità, ir-rikonoxximent tar-rwol tal-persuni li jindukraw b'mod informali billi jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għas-sigurtà soċjali u d-dritt tagħhom għal intitolamenti għall-pensjoni, appoġġ għal servizzi adattati għall-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ġenituri u/jew tal-membri tal-familja li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità jew l-anzjani, u arranġamenti flessibbli tax-xogħol li ma jkunux ta' ħsara għad-detriment tal-pagi tal-ħaddiema, l-aċċess għad-drittijiet soċjali u tax-xogħol u l-allowances, u li jirrispettaw id-dritt tal-ħaddiema li jiskonnettjaw; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex kull sena timmonitorja mill-qrib u sistematikament l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva dwar il-Bilanç bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata;
19. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar ir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-ħaddiema domestiċi nisa u n-nisa li jaħdmu fis-settur tal-kura fl-UE²³; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi qafas għall-professjonalizzazzjoni ta' xogħol u kura domestiċi, li jwassal għar-rikonoxximent u l-istandardizzazzjoni tal-professjonijiet u l-ħiliet rilevanti u l-bini tal-karriera, u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi għall-professjonalizzazzjoni, it-taħriġ, l-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki domestiċi tan-nisa u tal-ħaddiema tal-kura u joħolqu aġenziji tal-impjieġ pubbliċi biex isaħħu l-professjonalizzazzjoni;
20. Jinnota li, fi żminijiet ta' tali avvenimenti bħall-pandemija tal-coronavirus li għaddejja bħalissa, ir-rwol u l-opportunitajiet għat-telexogħol u x-xogħol mill-bogħod qed jiżdiedu; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fl-istrateġija r-rwol tat-telexogħol u x-xogħol mill-bogħod bħala fattur importanti fil-kisba ta' bilanç bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali,

²² ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

²³ ĠU C 66, 21.2.2018, p. 30.

jiżviluppaw linji gwida dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol li jkunu sensitivi għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri, immirati speċifikament lejn il-professjonijiet li jkunu fl-ewwel linja, sabiex il-ħaddiema f'dawk il-professjonijiet ikunu protetti f'każ ta' tifqigħat futuri; jenfasizza li bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħat-teleworking, filwaqt li jiġu offruti opportunitajiet għat-titjib ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jistra' wkoll ikollhom impatt fuq il-kapaċità li wieħed jaqta' mix-xogħol u jiġi intensifikat il-piż tax-xogħol, bin-nisa jiġu affettwati ħafna aktar mill-irġiel minħabba r-rwol predominanti jew tradizzjonali tagħhom ta' indoktrari tad-dar u tal-familja; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tressaq proposta leġislattiva sensitiva għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri dwar id-dritt ta' skonnessjoni, kif ukoll direttiva dwar il-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol, immirata biex tirrikonoxxi l-ansjetà, id-dipressjoni u l-eżawriment bħala mard okkupazzjonali, u biex tistabbilixxi mekkaniżmi għall-prevenzjoni u għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema affettwati fil-forza tax-xogħol;

22. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' perspettiva tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tkun parti integrali mill-iżvilupp ta' politiki ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali (OSH) u ta' strateġiji ta' prevenzjoni fis-setturi kollha, inkluż fir-reviżjoni tal-Kummissjoni li jmiss tal-qafas strateġiku ta' saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020; ihegġegħ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jikkunsidraw bħala mard okkupazzjonali u mard relatat max-xogħol dak il-mark li għadu mhux rikonoxxut bħala tali li huwa partikolarment prevalenti f'impjiegi ffemminizzati, kif ukoll mard li jolqot speċifikament lin-nisa, biex tinkiseb integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-saħħa u s-sigurtà fi professjonijiet iddominati mill-irġiel, fejn għad hemm ħafna lakuni, inkluż fir-rigward ta' installazzjonijiet sanitarji, tagħmir tax-xogħol jew tagħmir ta' protezzjoni personali, biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-maternità u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u miżuri għar-ritorn għax-xogħol wara l-liv tal-maternità, u biex jiġu evalwati r-riskji tax-xogħol f'setturi femminili, inkluż id-dar meta jiġu ttrattati x-xogħol domestiku u l-kura;
23. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu, biex jiġi żgurat li n-nisa madwar l-Ewropa jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-ħaddiema fuq livell ugwali mal-irġiel²⁴;
24. Jinsab ferm imħasseb dwar in-natura, il-portata u l-gravità tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol u l-impatt tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet f'sitwazzjonijiet ta' xogħol; jilqa' f'dan ir-rigward il-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO adottata reċentement dwar il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol u jistieden lill-Istati Membri jirratifikawha u jimplimentawha mingħajr dewmien; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri effettivi u vinkolanti biex jiddefinixxu u jipprojbixxu l-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, inkluż li jkun hemm aċċess effettiv għal mekkaniżmi tal-ilmenti u ta' soluzzjoni tat-tilwim reattivi għal kwistjonijiet tal-ġeneru, sikuri u effettivi, taħriġ u kampanji ta' sensibilizzazzjoni,

²⁴ Id-Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

servizzi ta' appoġġ u rimedji; jistieden lill-Kunsill jikkonkludi b'mod urġenti r-ratifika mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li tirreferi wkoll għall-adozzjoni ta' miżuri li jassistu lill-vittmi biex isibu impjieg u jħeġġeġ lill-Istati Membri li fadal li għadhom ma rratifikawx u jimplementawha; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva b'approċċ olistiku dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa kollha u biex issaħħaħ il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE għall-prevenzjoni tal-fastidju sesswali, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 190 u l-Konvenzjoni ta' Istanbul; itenni li edukazzjoni dwar l-ugwaljanza sesswali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija għodda ewlenija biex tiġi miġġielda l-vjolenza sessista;

25. Jirrimarka li l-iżolament u r-reklużjoni soċjali li jirriżultaw mill-COVID-19 wasslu għal żieda sinifikanti fil-vjolenza sessista fl-Ewropa; konsegwentement, iqis li l-Istati Membri kollha għandhom isaħħu l-miżuri biex jipproteġu lin-nisa kemm matul il-kriżi kif ukoll wara l-kriżi; ifakkar li wieħed mill-fatturi essenzjali meta tiġi ttrattata l-vjolenza sessista hija l-indipendenza ekonomika u jipproponi, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' programm speċifiku ta' integrazzjoni soċjali u fix-xogħol għall-vittmi ta' vjolenza sessista fl-Ewropa bil-għan li jippromwovi b'mod attiv l-impjegabbiltà tagħhom;
26. Jemmen li l-ħaddiema nisa li jsofru minn vjolenza sessista għandhom ikunu intitolati għal tnaqqis jew riorganizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol tagħhom u bidla fil-post tax-xogħol; iqis li l-vjolenza sessista għandha tiġi inkluża fil-valutazzjonijiet tar-riskju tal-post tax-xogħol;
27. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' referenzi għad-dimensjoni tal-ġeneri tat-traffikar għall-finijiet ta' sfruttament tax-xogħol, speċjalment fil-każ ta' ħaddiema domestiċi minħabba l-limitazzjoni li d-dar tal-familja tippreżenta bħala post tax-xogħol fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' spezzjoni u ta' kontroll tal-attività tax-xogħol; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-ħaddiema domestiċi nisa u n-nisa li jaħdmu fis-settur tal-kura fl-UE, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-investigazzjoni f'dan il-qasam, sabiex jittejbu l-mekkaniżmi għall-identifikazzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi, u biex jiġu involuti l-NGOs, it-trejdjunjins, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini kollha fil-proċess ta' identifikazzjoni;
28. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Strateġija Ewropea dwar il-Protezzjoni Soċjali biex tindirizza l-moviment liberu tal-ħaddiema u b'mod partikolari l-femminizzazzjoni tal-faqar, b'fokus speċjali fuq il-familji b'ġenitur wieħed li hija l-mara;
29. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' referenza fl-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025 għall-protezzjoni tan-nisa u l-bniet li huma f'riskju ta' esklużjoni soċjali, ta' faqar u li jispiċċaw mingħajr dar, filwaqt li jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawk il-kwistjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni li jmiss dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni sabiex jiġi evitat li dawn in-nisa jiġu esklużi mill-politiki soċjali u ekonomiċi u l-approfondiment ulterjuri taċ-ċiklu tal-faqar;
30. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tadotta pjan ta' azzjoni biex timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jissottolinja l-ħtieġa li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata bl-użu ta' approċċ intersezzjonali f'konformità mal-Prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-effetti tal-ġeneru tal-politiki makroekonomiċi

kif ukoll tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jitlob l-introduzzjoni ta' pilastru tal-ġeneru u objettiv globali ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suċċessur tal-istrateġija Ewropa 2020;

31. Ifakkar li l-politiki ta' finanzjament u ta' tassazzjoni għandhom komponent qawwi ta' ġeneru; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, b'mod partikolari fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-intraprenditorija femminili, iżda jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' bbaġitjar skont il-ġeneru fil-QFP il-ġdid u l-Fondi Strutturali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi u ttejjeb l-użu tal-ibbaġitjar skont il-ġeneri, u jistieden lill-Istati Membri jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tat-tassazzjoni, inkluż l-awditjar tal-ġeneru tal-politiki fiskali sabiex jiġu eliminati l-preġudizzji bbażati fuq il-ġeneru relatati mat-taxxa;
32. Itenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jtejbu aktar il-ġbir ta' data diżaggregata skont il-generu²⁵, statistika, riċerka u analiżi, kif ukoll appoġġ u miżuri għat-titjib tal-bini tal-kapaċità istituzzjonali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-data, b'mod partikolari rigward il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u f'oqsma bħall-impjieg informali, l-intraprenditorija, l-aċċess għall-finanzjament u għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, ix-xogħol mhux imħallas, il-faqar u l-impatt ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali; iħeġġeġ ukoll lill-EIGE u lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra kollha rilevanti tal-UE jaħdmu fuq indikaturi ġodda bħall-faqar fost dawk li jaħdmu, il-faqar ta' ħin, id-diskrepanzi fl-użu tal-ħin, il-valur tax-xogħol tal-indukrar (imħallas/mhux imħallas), u r-rati tal-użu tan-nisa u l-irġiel b'rabta mad-direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u jinkorporawhom; jistieden lill-Kummissjoni tuża din id-data biex timplimenta b'mod effettiv il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri tal-politiki u l-programmi tagħha u ta' aġenziji u istituzzjonijiet oħra tal-UE;
33. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri relatati mad-dinja futura tax-xogħol, inklużi l-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija; jitlob rabta iktar b'saħħha bejn l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Patt Ekoloġiku Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rabta bejn il-politiki dwar it-tibdil fil-klima u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proposti tagħha li jmiss; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta valutazzjoni tal-impatt sistematika tal-ġeneri u ibbaġitjar sensitiv għall-kwistjonijiet ta' ġeneru permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta u f'azzjonijiet klimatiċi rilevanti u politiki tal-Patt Ekoloġiku l-Ġdid;
34. fakkar fil-ħtieġa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fuq diversi livelli, speċjalment kontra gruppi vulnerabbli, inklużi n-nisa b'diżabilità, in-nisa suwed, in-nisa migranti, il-minoranzi etniċi u n-nisa Rom, in-nisa anzjani, l-ommijiet waħedhom, il-persuni LGBTIQ+ u n-nisa mingħajr dar, u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li dawn jibbenefikaw mill-objettivi u l-azzjonijiet tal-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025; jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi linji gwida espliċiti dwar l-implimentazzjoni tal-qafas intersezzjonali, li għandhom jiprijoritizzaw il-

²⁵ Ara r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

parteċipazzjoni tal-gruppi affettwati mill-forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni biex jivvalutaw l-impatt differenzjali tal-politiki u l-azzjonijiet sabiex jitfasslu apposta t-tweġibiet f'kull qasam li huma bbażati fuq il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;

35. Ifakkar fir-Risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'dizabilità²⁶; ihegġegħ lill-Kummissjoni tressaq proposta kkonsolidata fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità għal wara l-2020 li tinkludi l-iżvilupp ta' azzjonijiet pożittivi li jimmiraw lin-nisa b'diżabilità sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-suq tax-xogħol u biex jinqerdu d-diskriminazzjoni u l-preġudizzju li huma jħabbtu wiċċhom magħhom, inklużi miżuri għall-promozzjoni tal-impjieg, taħriġ, kollokamenti tal-impjieg, perkorsi tal-karriera ugwali, paga ugwali, aċċessibilità ta' akkomodazzjoni raġonevoli fil-post tax-xogħol u edukazzjoni ulterjuri, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-inklużjoni diġitali tagħhom u l-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jitlob ukoll li l-miżuri dwar id-differenza bejn il-pagi bejn il-ġeneri, id-diskrepanza fil-pensjoni u d-diskrepanza fil-kura jindirizzaw b'mod espliċitu l-ħtiġijiet tal-ġenituri u tal-indukraturi ta' tfal b'diżabilità, speċjalment in-nisa u l-familji b'ġenitur wieħed; jieħu nota tal-ħtieġa ta' Garanzija tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nisa b'diżabilità, kif ukoll tat-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;
36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissalvagwardjaw l-ugwaljanza inklużiva għan-nisa u l-bniet b'diżabilità fl-oqsma kollha tal-ħajja, sabiex jiżguraw id-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, jipprovdulhom protezzjoni mill-vjolenza domestika u mill-vjolenza permezz ta' fornituri ta' servizzi tal-kura u ta' appoġġ, u jniedu programmi ta' sensitizzazzjoni u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għal dan il-għan għall-professjonisti fil-qasam tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, soċjali u tal-indukrar, tal-edukazzjoni, it-taħriġ u s-servizzi tal-impjiegi, tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura;
37. Jenfasizza r-rwol attiv u kruċjali tan-nisa fl-ekonomija taż-żoni rurali, u jiddispijaċih li għad hemm differenzi sinifikanti bejn il-ġeneri fir-rigward tal-impjiegi agrikoli u fir-rigward tal-aċċess għas-sigurtà soċjali, it-taħriġ, il-liv tal-maternità u l-pensjonijiet tal-irtirar; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jappoġġaw proġetti indirizzati speċjalment lin-nisa, dwar il-ħolqien ta' attivitajiet agrikoli innovattivi f'żoni rurali u depopolati sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom fis-suq agrikolu, li jistgħu jkunu sors ta' impjiegi ġodda; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tidentifika opportunitajiet ta' finanzjament taħt it-tieni pilastru tal-PAK sabiex jizjed l-aċċess tan-nisa għall-art u tindirizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom fiż-żoni rurali, speċjalment dawk tal-ħaddiema staġjonali;
38. Ifakkar fir-Risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-ħtieġa li jissaħħaħ il-Qafas Strateġiku tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Inklużjoni tar-Rom wara l-2020²⁷, li tiddikjara li f'ħafna Stati Membri ma ġie osservat l-ebda titjib fl-aċċess għall-impjiegi, li hemm tħassib serju relatat mal-akkomodazzjoni u li f'it li xejn sar progress dwar il-faqar, u ħtieġa ta' dimensjoni tal-ġeneri aktar b'saħħitha fil-qafas tal-UE; huwa mħasseb dwar id-diskors ta' mibegħda kontra r-Rom fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u r-restrizzjonijiet addizzjonali introdotti minn xi Stati Membri li jpoġġu lill-komunitajiet Rom fi kwarantana u jibża' mill-konsegwenzi negattivi għall-gruppi l-aktar vulnerabbli

²⁶ Testi adottati, P8_TA(2018)0484.

²⁷ Testi adottati, P8_TA(2019)0075.

fost ir-Rom, bħall-bniet, it-tfajliet, in-nisa anzjani, il-persuni b'diżabilità jew l-LGBTIQ+; ihegġegħ lill-Kummissjoni tadotta mill-aktar fis possibbli l-qafas strateġiku tal-UE dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom, tanalizza l-impatt li l-koronavirus qed ikollu fuq ir-Rom u tadotta miżuri biex jiġu evitati r-reazzjonijiet negattivi;

39. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' projbizzjoni espliċita ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' identità tal-ġeneru u espressjoni tal-ġeneru ta' persuna fid-dritt tal-Unjoni; jinnota l-persistenza ta' diskriminazzjoni, fastidju u esklużjoni mis-suq tax-xogħol tal-persuni LGBTIQ+; ifakkar fir-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2019²⁸ dwar il-futur tal-Lista ta' Azzjonijiet LGBTI u r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI²⁹; jistieden lill-Kummissjoni tadotta mill-aktar fis possibbli l-qafas strateġiku dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ b'segwitu għal-Lista ta' Azzjonijiet LGBTI tal-UE 2016-2019, u tinkludi miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess;
40. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jintuża l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil sabiex jiġu mħeġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri li jappoġġjaw l-integrazzjoni tan-nisa, iżda jiddispjaċih li ma qiegħda titqies ebda miżura konkreta oħra li tindirizza r-rati aktar baxxi ta' impjieg fl-UE għaċ-ċittadini nisa ta' pajjiżi terzi u l-vulnerabbiltà speċifika tar-rifuġjati nisa u bniet, tan-nisa u bniet li qed ifittxu asil u tan-nisa u bniet mingħajr dokumenti; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza s-sitwazzjoni tal-migranti nisa u bniet kollha, filwaqt li tipprijoritizza l-oġettiv ta' integrazzjoni tal-Fond fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss permezz tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru, l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi għat-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid għal tranżizzjoni lejn impjiegi ta' kwalità tajba u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, u filwaqt li żżid il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u tadotta miżuri aktar konkreti biex jingħelbu l-ostakli li jiffaċċjaw il-migranti nisa;
41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw b'mod urġenti reazzjoni sensitiva għall-ġeneru għall-kriżi soċjali u ekonomika tal-COVID-19 sabiex jitnaqqsu l-impatti sproporzjonati u possibilment fit-tul ta' din il-kriżi fuq id-drittijiet, id-dħul u l-protezzjoni soċjali tan-nisa, kif ukoll sabiex jiġu evitati aktar inugwaljanzi u diskriminazzjonijiet bejn il-ġeneri fid-dinja tax-xogħol; iqis li rkupru sensitiv għall-ġeneru għandu jinkludi miżuri speċifiċi biex jiġi indirizzat l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol għan-nisa kif ukoll biex jiġu evitati l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fl-ibbilanċjar tal-obbligi tal-familja u tax-xogħol, inklużi l-isfidi possibbli li jinħolqu meta t-telexogħol isir obbligu; jitlob miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nisa żgħażaġh, peress li l-livelli ta' qgħad u ta' insigurtà tal-impjiegi fost il-popolazzjoni taż-żgħażaġh huma ogħla b'mod esponenzjali milli fi kwalunkwe grupp ta' età ieħor; jemmen li l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tista' tikkontribwixxi għal implimentazzjoni ġusta u aktar effiċjenti tal-pjan ta' rkupru tal-UE;
42. Jilqa' l-istrument għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li SURE jindirizza t-

²⁸ Testi adottati, P8_TA(2019)0129.

²⁹ Testi adottati, P8_TA(2019)0101.

telf fl-introjtu għan-nisa;

43. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jattiva l-"klawżola liberatorja ġenerali" u jistieden lill-Istati Membri jinvestu fis-servizzi pubbliċi, inklużi l-indukrar tat-tfal u l-kura tas-saħħa mingħajr ħlas, sabiex jinħolqu impjiegi ta' kwalità ġodda u jitnaqqas l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi; iqis li miżuri ta' awsterità għandhom konsegwenzi detrimentalni fit-tul, b'mod partikolari fuq in-nisa, u ma għandhomx jiġu infurzati fil-kriżi ta' wara l-COVID-19;
44. Jenfasizza x-xogħol bla waqfien u ammirrevoli tal-ħaddiema tal-ewwel linja fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll dak tal-ħaddiema essenzjali li qed jaħdmu biex iżommu l-ħajja u s-servizzi pubbliċi għaddejnin u aċċess għal prodotti essenzjali; jenfasizza li 70 % tal-forza tax-xogħol globali fl-oqsma tas-saħħa u soċjali huma nisa, u li ta' spiss ċerti professjonijiet f'dawn is-setturi jitħallsu l-paga minima u jaħdmu f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'dan il-kuntest, tkejjji valutazzjoni eżawrjenti qabel tmiem l-2020 dwar l-introduzzjoni ta' strument legali Ewropew biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema kollha u biex tissaħħaħ il-kopertura tan-negożjar kollettiv;
45. Jenfasizza li aktar minn 70 % tal-ħaddiema fis-setturi tas-saħħa u tax-xogħol soċjali mad-dinja kollha huma nisa, kif ukoll li l-impjegati tal-ħwienet u tal-bejgħ bl-imnut u l-ħaddiema tat-tindif, li fil-biċċa l-kbira huma nisa, u li dawn ta' spiss jaqilgħu biss il-paga minima; ifakkar li, bħal fi kriżijiet preċedenti, in-nisa se jkunu affettwati b'mod qawwi ekonomikament, anke fil-perjodu ta' wara l-kriżi; għal din ir-raġuni, jinsisti fuq il-ħtieġa għal approċċ progressiv u sensitiv għall-ġeneru, kemm għal azzjoni immedjata kif ukoll għal azzjoni fit-tul, fil-livell nazzjonali u tal-UE, abbażi ta' data ta' kwalità segregata skont il-ġeneru; f'dan ir-rigward, jissuġġerixxi li l-Pjan ta' Rkupru għandu jqis is-segregazzjoni okkupazzjonali tas-swieq sabiex tiġi evitata ripetizzjoni ta' dak li ġara fi kriżijiet preċedenti, fejn il-promozzjoni tal-impjiegi ffokat fuq is-setturi tal-irġiel, filwaqt li s-setturi bi prevalenza femminili tħallew fit-tieni post, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi eliminata d-dinamika ta' segregazzjoni okkupazzjonali;
46. ifakkar li fl-2018, il-Forum Ekonomiku Dinji għamel referenza għall-ħolqien ta' 58 miljun impjeg relatati mal-intelliġenza artifiċjali (IA) fid-dinja sal-2022, iżda 24,9 % biss tan-nisa li għandhom edukazzjoni terzjarja jiggradwaw fl-oqsma tat-teknoloġiji ġodda; jenfasizza li huwa essenzjali li tiġi żgurata rappreżentanza femminili ugwali fis-setturi xjentifiċi u teknoloġiċi; ifakkar li ż-żieda fl-għadd ta' nisa li jaħdmu fil-qasam tat-teknoloġiji ġodda tista' tiġġenera sa EUR 16-il biljun fl-Ewropa;
47. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur tal-ICT kif ukoll jagħtu lin-nisa s-setgħa biex isiru investituri u intraprendituri;
48. Jinnota li l-istudji juru li d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa hija fil-biċċa l-kbira xprunata mill-fatt li n-nisa u l-irġiel jaħdmu f'impjiegi differenti b'livell ta' paga differenti; jenfasizza li suq tax-xogħol maqsum skont il-ġeneru jibda bl-għażliet magħmula fl-edukazzjoni, u li b'hekk bidliet fl-għażliet edukattivi huma meħtieġa sabiex jiġu miġġielda d-differenzi bejn il-ġeneru fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu gwida mtejbja dwar l-istudju u dik vokazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jkunu jafu bl-opportunitajiet li jipprovdi s-suq tax-xogħol u bil-

konsegwenzi ta' għażliet edukattivi differenti;

49. Jinnota li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija aktar baxxa minn dik tal-irġiel; jissottolinja l-importanza li tonqos it-tassazzjoni fuq id-dħul sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol;
50. jistieden lill-Kummissjoni tagħmel aktar sforzi biex iżżid ir-rata tal-imjiegi tan-nisa fl-Ewropa u tiffaċilita l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol, pereżempju billi tippromwovi aktar l-intraprenditorija femminili;
51. Jiddispjaċih dwar il-fatt li n-nisa ma jibdewx jew ma jmexxux negozju bl-istess mod bħall-irġiel; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu riformi favorevoli għan-negozji sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza u tiżdied l-intraprenditorija fost in-nisa;
52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw l-aspetti soċjali tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, bil-ħsieb li jiġu rrispettati kemm is-sussidjarjetà kif ukoll il-kompetenzi nazzjonali;
53. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa bħala votanti u kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa ta' reviżjoni tal-Att Elettorali sabiex jipprevedi l-possibbiltà ta' sostituzzjoni temporanja ta' Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu qed jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għal-liv tal-maternità, tal-paternità jew tal-ġenituri; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-Att Elettorali skont dan u lill-Kunsill biex japprova din ir-reviżjoni;
54. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-NGOs u tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa li jiġġieldu kontra l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura u ssaħħa il-protezzjoni, il-parteċipazzjoni u l-involvement attiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili billi tinsisti għal strumenti sabiex tipprovdi finanzjament lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex jiġġieldu kontra r-reazzjoni negattiva u r-rigressjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li tmexxi 'l quddiem is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa, kemm fl-UE kif ukoll madwar id-dinja;
55. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu konfigurazzjoni formali ta' Kunsill għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex il-Ministri u s-Segretarji tal-Istat inkarigati mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri jkollhom forum iddedikat għad-diskussjoni u sabiex tiġi ffaċilitata aktar l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-UE, inklużi l-impjiegi u l-politika soċjali;
56. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssaħħa ir-rwol tal-UE bħala katalizzatur għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	16.7.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 11 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Atidzhe Alieva-Veli, Abir Al-Sahlan, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, David Casa, Leila Chaibi, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Klára Dobrev, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Rosa Estaràs Ferragut, Nicolaus Fest, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Heléne Fritzon, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginell, France Jamet, Agnes Jongerius, Ádám Kósa, Stelios Kypourouopoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Radka Maxová, Kira Marie Peter-Hansen, Manuel Pizarro, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Yana Toom, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tatjana Ždanoka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Botenga, Jordi Cañas, Lukas Mandl, Samira Rafaela, Anna Zalewska

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

41	+
EPP	David Casa, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Stelios Kypouropoulos, Adam Kósa, Lukas Mandl, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh
S&D	Marc Angel, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Helène Fritzon, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Manuel Pizarro, Marianne Vind
RENEW	Abir Al-Sahlani, Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Radka Maxová, Samira Rafaela, Monica Semedo, Yana Toom
VERTS/ALE	Katrin Langensiepen, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri, Tatjana Ždanoka
GUE/NGL	Marc Botenga, Leila Chaïbi, Özlem Demirel, Nikolaj Villumsen
NI	Daniela Rondinelli

11	-
EPP	Miriam Lexmann
ID	Dominique Bilde, Nicolaus Fest, France Jamet, Elena Lizzi, Guido Reil, Stefania Zambelli
ECR	Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Anna Zalewska, Margarita de la Pisa Carrión

1	0
ECR	Helmut Geuking

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet